MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 3/2015

**Ballut Blocks Services Limited**

**(C8360)**

**vs**

**PK Construction & Interiors Limited (C39205)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-5 ta' Jannar 2015, li bih is-soċjetà attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (i) tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tiddikjara li s-somma ta' tmienja u għoxrin elf u

sitta u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€28,076.75), rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ materjal tal-bini mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-istess soċjetà konvenuta; u (iii) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lis-soċjetà attriċi l-imsemmija somma ta’ tmienja u għoxrin elf u sitta u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€28,076.75). Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħax u l-ispejjeż.

Rat illi l-atti tar-Rikors Maħluf ġew debitament notifikati lis-soċjetà konvenuta.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Rat li fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2014 Dr. Paul Farrugia għas-soċjetà konvenuta ippreżenta nota ta’ ammissjoni li kienet iffirmata wkoll mill-istess Dr. Paul Farrugia f’isem is-soċjetà konvenuta.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**Il-Qorti għalhekk taqta’ u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;**
2) **Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ tmienja u għoxrin elf u sitta u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€28,076.75) bl-**

**imgħaxijiet relattivi skont il-liġi mit-13 ta' Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv;**

**3) Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navara**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------